# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa 1 ta' Frar, 2023

Fl-atti tar-rikors għall-ħrug ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 54/2023ISB** fl-ismijiet :

**Shadi Mohamed Nasar Ibrahim (0141935A)**

**vs**

**L-Awtoritá għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrent fit-12 ta' Jannar 2023 fejn, għar-raġunijiet hemm indikati, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill- intimata Awtorita` għat-Trasport f'Malta milli :

> *...tiskreppja, taljena, titrasferixxi, tiddereġistra, tiddistruġġi, jew b'xi mod tieħu xi azzjoni jew tkompli kwalunkwe azzjoni ta' infurzar, jew azzjoni eżekuttiva fuq u/jew dwar il-vettura tat-tip Maserati GT bin-numru ta' reġistrazzjoni Libjan 5.2236588, preżentement fil-kontroll tal-Awtorità.*

u dan għar-raġunijiet u l-premessi magħmula, ċioe`:

> *1. L-esponenti huwa sid il-vettura tat-tip Maserati GT bin-numru ta' reġistrazzjoni Libjan bin-numru 5.2236588 (Dok. 'A').*

*2. L-esponenti ġab il-vettura ġewwa Malta għal żmien temporanju hekk kif inhu student full-time ġewwa Malta (Dok. 'B', 'Ċ', u 'D'). Din il-vettura hija wkoll assigurata f'Malta (Dok. 'E'). Din il-vettura inġiebet Malta fit-18 ta' Mejju 2022 – iżda fil-11 ta' Awwissu 2022, wara anqas minn tliet xhur minn meta din il-vettura iddaħlet f'Malta, il-vettura ġiet ittowjata minn uffiċjali tal-Awtorità intimata. Din il-vettura għadha taħt kontroll tal-Awtorità intimata. Tajjeb jingħad illi l-esponenti la qatt ingħata riċevuta, raġuni, xi ordni jew deċiżjoni uffiċjali, u kien biss meta iċċekkja mal-Awtorità intimata tramite l-avukat preċedenti tiegħu li ingħata ftit informazzjoni.*

*3. Apparti l-fatt illi l-Awtorità intimata kienet obbligata b'dak li skont il-Liġi Amministrattiva huwa magħruf bħala 'duty to give reasons', dan l-ittowjar ma seta <u>qatt isir</u>, għaliex din il-vettura kienet f'Malta legalment taħt ir-regolament 7(1) u (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01. Terġa skont l-istess liġi, din l-istess vettura tista' tinżamm f'Malta mingħajr ħtieġa ta' applikazzjoni għal esenzjoni, u dan fl-ewwel seba' xhur minn meta l-vettura tkun daħlet f'Malta – kif jgħid is-subinċiż (2) tar-regolament 7 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja.*

*4. B'email tas-6 ta' Jannar 2023 (Dok. 'F'), il-konsulent legali tal-Awtorità intimata informa lill-konsulent legali preċedenti tal-esponenti illi l-Awtorità intimata beħsiebha tiskrappja l-vettura.*

*5. Jekk l-Awtorità intimata titħalla tagħmel hekk, hija tkun qegħda taġixxi b'mod arbitrarju, ultra vires, u kontra l-liġi.*

*6. Kif tista' timmaġina din l-Onorabbli Qorti, din hija vettura ta' valur sostanzjali, u allura huwa fl-interess tal-esponenti illi jitlob l-inibizzjoni milli l-Awtorità intimata taqbad taġixxi kif jidhrilha.*

*7. L-esponenti ġie infurmat illi l-Awtorità l-intimata beħsiebha tiskrepja l-vettura, għada fit-13 ta' Jannar 2023, jew l-aktar tard fl-14 ta' Jannar 2023. Għall-finijiet ta' tal-Artikolu 873(3) tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Liġijiet ta' Malta, jingħad illi ma hemm l-ebda preġudizzju sproporzjonat fil-konfront tal-intimati bil-ħruġ tal-mandat. Apparti hekk, ai termini tal-artikolu, l-email suċċitata tagħmilha aktar minn evidenti li l-ħaġa li l-esponenti qiegħed jittenta jwaqqaf se ssir jekk ma jintlaqax dan il-mandat.*

*8. L-esponenti sejjer, bil-kawża appożita, jikkontesta din id-deċiżjoni; imma naturalment, ikun inutli illi din il-kawża ssir jekk ma jintlaqax dan il-mandat, speċjalment meqjusa l-limitazzjonijiet ta' rimedji li joffri per eżempju l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, jirriżulta biċ-ċar illi r-rikorrenti għandha jedd prima facie, kif ukoll illi d-drittijiet tagħha sejrin jiġu serjament u severament preġudikati kemm-il darba l-inibizzjoni ma jintlaqax.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur.

Rat id-**digriet** tagħha tat-12 ta' Jannar 2023, fejn laqgħet it-talba tar-rikorrent b'mod provviżorju, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimata bi żmien prefiss biex twiegeb, u fejn appuntat ir-rikors għas-smigh ghall-udjenza tat-23 ta' Jannar 2023.

Rat li l-Awtorita' intimata kienet debitament notifikata.

Rat ir-**Risposta** tal-Awtorita' intimata pprezentata fit-18 ta' Jannar 2023, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija.

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza miżmuma u rat illi r-Rikors tħalla għal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti, ir-rikorrent huwa propjetarju tal-vettura tat-tip Maserati GT bin-numru ta' reġistrazzjoni Libjan bin-numru 5.2236588 li ġab Malta għal żmien temporanju minħabba li hu student *full-time* f'Malta u ġiet assigurata f'Malta.

Ir-rikorrent jispjega li wara inqas minn tliet xhur minn meta l-vettura ddaħlet f'Malta, din ġiet ittowjata u tinsab taħt il-kontroll tal-Awtorita` intimata, mingħajr ma ngħata raġuni għal din id-deċiżjoni, liema agir min naħa tal-awtorita` jmur kontra l-artikolu 7(1) u (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Jgħid li permezz ta' email datata 6 ta' Jannar 2023, ir-rikorrent ġie infurmat li l-Awtorita` intimata kien bi ħsiebha tiskrappja l-vettura, liema azzjoni r-rikorrenti jikkontendi li tkun arbitrarja, ultra vires u kontra l-liġi, u li ser tiġi kkontestata mill-istess rikorrenti.

Jikkontendi li l-vettura kienet skedata biex tiġi skrapjata mhux aktar tard mill-14 ta' Jannar 2023 u għalhekk qed jintalab dan il-mandat, sabiex dan ma jseħħx qabel ikun ħa l-azzjoni meħtieġa skont il-liġi u dana peress li jekk kemm -il darba ma jkunx akkordat dan il-mandat ser isoffri preġudizzju irrimedjabli.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi minn naħa tagħha l-**intimata Awtorita` għat-Trasport f'Malta** tikkontendi li l-vettura in kwistjoni ġiet mneħħija mit-triq minħabba li r-rikorrenti ma kellux permess li bih seta' juża l-vettura mingħajr ma tiġi reġistrata f'Malta. Tgħid li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Settembru 2022 u wara li ma nġabbritx minn sidha ġiet mtella b'irkant fis-16 ta' Settembru 2022 u la darba ma ġietx mibjugħa kienet sejra għall-iskrapp. Iżda la darba r-rikorrent kien

staqsa fuqha ma ġietx skrappjata. Tispjega li r-rikorrenti ġie nfurmat kemm -il darba li sabiex jieħu l-vettura lura kien jeħtieġ li jħallas l-ispejjeż sabiex il-vettura tiġi in regola. Oltre` minn hekk, qatt ma ġab prova suffiċjenti li hu kien student f'Malta u għalhekk ma jikkwalifikax għall-eżenzjoni tat-taxxa tar-reġistrazzjoni taħt il-L.S. 368.01.

Tissottometti li l-artikolu 6(1) tal-Kap 386 jipprovdi li sakemm vettura ma tgawdix minn eżenzjoni allura hija soġġetta għall-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni, liema taxxa baqgħet ma tħallsitx. Tikkontendi li mhux talli r-rikorrent m'għandu l-ebda dritt li joġġezzjoni għall-miżuri meħudha mill-Awtorita` intimata, talli l-Awtorita` għandha kull dritt li tieħu miżuri ulterjuri fil-konfront tiegħu ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk tinsisti li l-mandat għandu jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi skond l-**Artikolu 873(1) tal-Kap 12,** l-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skond l-**Artikolu 873(2) tal-Kap12**, il-Qorti m`għandhiex toħrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) joħorgu żewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jedd tar-rikorrent, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`**[1] qalet hekk:

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

[1] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

Hemm imbaghad l-**Artikolu 873(3)** tal-Kap12 li jaqra hekk –

> *Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, fil-kaz odjern, b`zieda mal-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Artikolu 873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe`:

(a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq, u

(b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Ghar-rigward tal-element tal-pregudizzju meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3), wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, izda huwa bizzejjed jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-ħrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternativi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħrug tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-proċedura tal-lum hija mahsuba biex tkun waħda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħrug tal-Mandat, m`għandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant ieħor m`għandux ifisser li jekk il-ħrug tal-Mandat ikun micħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jiġi preċizat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax ikun hemm il-hruġ tal-Mandat jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qiegħed jilmenta tkun tista` tiġi rimedjata mod ieħor.

Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Dan kollu magħdud, il-Qorti **ikkunsidrat ulterjorment**:

**Il-Jedd 'Prima facie'**

Illi r-rikorrent qed jittenta jwaqqaf lill-Awtorita` intimata milli tiskreppja, taljena, titrasferixxi, tiddereġistra, tiddistruġġi, jew b'xi mod tieħu xi azzjoni jew tkompli kwalunkwe azzjoni ta' infurzar, jew azzjoni eżekuttiva fuq u/jew dwar il-vettura tat-tip Maserati GT bin-numru ta' reġistrazzjoni Libjan 5.2236588, preżentement fil-kontroll tal-Awtorità.

Il-Qorti tibda biex tosserva id-dikjarazzjoni tal-Awtorita` intimata ai termini tal-Artikolu 873(3) tal-Kap 12 li l-Awtorita` intimata bi ħsiebha tipproċedi bl-azzjoni jekk kemm-il darba dan il-mandat ma jiġix akkordat.

Jirriżulta li r-rikorrent ġie Malta sabiex jistudja f'Mejju 2022 u ġab miegħu l-vettura in kwistjoni, liema vettura ġiet konfiskata mill-Awtorita` intimata f'Awwissu 2022 minħabba li kienx hemm il-permess neċessarju sabiex din tinstaq f'Malta.

Ir-rikorrent isostni li kellu jiġi eżentat mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni minħabba li ġie f'Malta bħala student. Minn naħa tagħha l-Awtorita` intimata ssostni li r-rikorrent la qatt applika għall-eżenzjoni u lanqas qatt ma ġab prova li

verament hu student f'Malta u dana stante li l-iskola li allegatament kien qiegħed jistudja fiha nfurmat lill-istess Awtorita` li r-rikorrent qatt m'attenda l-iskola mill-bidu ta' Frar 2022. Tikkontendi wkoll li għalkemm strettament setgħet għaddiet għall-iskrepjar tal-vettura in kwistjoni wara l-irkant tas-16 ta' Settembru 2022, ddeżistiet milli tagħmel dan minħabba li kienet qed tikkorispondi mar-rikorrent, li kien mgħarraf diversi drabi li sabiex jieħu l-vettura lura kellu jħallas l-ispejjeż dovuti.

Jirriżulta li r-rikorrent kellu xhur sħaħ sabiex jikkontesta d-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata, iżda tali kontestazzjoni minn naħa tiegħu ma saritx. Jirriżulta li l-posizzjoni tal-Awtorita` intimata hija ċara ħafna u għalhekk fl-aħħar tliet xhur ir-rikorrent kellu kull opportunita` li jew jirregola ruħu jew jikkontesta d-deċiżjoni fil-forum addattat. Il-Qorti tosserva wkoll li l-Awtorita` intimata ddeżiżtiet milli tipproċedi bl-azzjoni tal-iskrepjar għall-aħħar xhur minħabba li pruvat tasal fi ftehim mar-rikorrent, aġir li juri li l-Awtorita` intimata mxiet b'mod raġonjevoli fl-aġir tagħha u tipproċedi biss għall-iskrejar ta' vetturi meta verament ma tarax li hemm soluzzjoni oħra. Tosserva wkoll li r-rikorrent qed jibqa` jinsisti li hu intitolat għall-ezenzjoni mill-ħlas li qatt m'applika għaliha.

Il-Qorti tosserva l-insenjament ta' din il-Qorti, diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Vincenzo Marchi vs l-Awtorita dwar it-Trasport f'Malta et** deċiża fit-18 ta' Lulju 2016, fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *Waqt is-smigh tal-provi, irrizulta x`ghandu jrid jaghmel illum r-rikorrent sabiex mhux biss jikseb lura l-vettura izda sabiex jaghmel uzu minnha fit-triq. Anke jekk ir-rikorrent irid jibghat il-vettura lura l-Italja jrid jottempera ruhu mal-ligijiet taghna. Li certament ma jistax jaghmel ir-rikorrent huwa li jfittex il-kenn ta` procedura specjali u straordinarja bhal ma hija dik tal-lum sabiex jibqa` inadempjenti fl-osservanza tal-ligijiet taghna.*
>
> *Ir-rikorrent ma jistax jippretendi li l-jedd ghat-tgawdija tal-propjeta` huwa tant minghajr limiti li jaghtih sahansitra l-jedd li ma josservax il-ligijiet tal-pajjiz. L-Art 320 tal-Kap 16 jenuncja l-principju li l-propjeta` hija l-jedd li wiehed igawdi u jiddisponi minn hwejgu bl-iktar mod assolut basta li bihom ma jaghmilx uzu projbit mil-ligi: qui suo iure utitur non videtur damnum facere.*
>
> *Fil-kaz tal-lum, irrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li r-rikorrent ghamel uzu tal-vettura de qua li kien ipprojbit mil-ligi. Jekk irid il-vettura lura r-rikorrent irid jirregola ruhu. Jekk jibqa` inadempjenti, l-intimati jew min minnhom ikollhom kull jedd li ope legis jaraw x`ghandu jsir mill-vettura.*

Din il-Qorti ma fadlilha xejn xi żżid ma dan l-insenjament, ħlief li tagħmlu tagħha. Isegwi għalhekk li r-rikorrent ma ppruvawx fuq bażi *prima facie* ai termini tal-artikolu 873(2) tal-Kap 12, il-jedd tieghu.

Una volta stabbilit dan u in linea ma' dak hawn fuq spjegat, il-Qorti tista' tieqaf hawn u ma gahndiex ghalfejn tistharreg ulterjorment.

**Għaldaqstant,** għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi –

1. **Ticħad** it-talba għall-ħrug tal-Mandat billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-istess;

2. **Tħassar** *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-12 ta` Jannar 2023, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent b`mod provviżorju;

Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tar-rikorrenti.

Moghti *in camera* illum, l-Erbgħa l-1 ta' Frar 2023.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**